



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Frar 2021
(OR. en)

5823/21
ADD 1
LIMITE
PV CONS 1
RELEX 70

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Barranin)
25 ta' Jannar 2021

WERREJ

Paġna

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3.	Ġrajjet Kurrenti	3
4.	Diplomazija dwar il-Klima u l-Enerġija - Il-promozzjoni tad-dimensjoni esterna tal-Patt Ekoloġiku Ewropew	4
5.	Affarijiet oħra	4
ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill		5

3. Ġrajjet Kurrenti

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar **l-istrateġija tal-UE dwar il-kondiviżjoni ta' vaċċini ma' pajjiżi terzi**, filwaqt li ħa nota tal-fatt li d-donazzjonijiet jistgħu jibdedu fuq skala iżgħar minħabba d-dewmien fl-ġholi ta' vaċċini lill-Istati Membri. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-approċċ tas-SEAE sabiex jingħata t-tilqim lid-diplomatiċi tal-UE f'pajjiżi terzi.

Il-Kunsill appella għall-ħelsien immedjat ta' **Navalny** u stieden lir-Rappreżentant Għoli biex jgħaddi l-messaġġi b'saħħithom u magħquda tal-UE matul iż-żjara tiegħu f'Moska fl-4 ta' Frar.

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar ir-**relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija** wara eżitu pożittiv tal-laqgħa bejn ir-Rappreżentant Għoli Borrell u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin Tork Çavuşoğlu.

Dwar ir-**relazzjonijiet transatlantiċi**, il-Kunsill ħa nota tal-azzjonijiet bikrija pożittivi mill-President Biden u laqa' l-intenzjoni tar-Rappreżentant Għoli li tistieden lis-Segretarju tal-Istat il-ġdid għal Kunsill Affarijiet Barranin li jmiss.

Il-Kunsill ħa nota tal-isforzi tal-UE biex timmobilizza l-awtoritajiet tal-**Bożnija-Herzegovina** biex jindirizzaw il-kriżi umanitarja relatata.

Il-Kunsill esprima solidarjetà mal-Italja u appella lill-Eġittu biex jiżgura kooperazzjoni sħiħa mal-awtoritajiet Taljani dwar il-**każ ta' Regeni** sabiex jitwettaq proċess ġust u bbilanċjat.

Il-Kunsill esprima tħassib dwar **attivitajiet Iranjani** reċenti, u esprima appoġġ sħiħ lir-Rappreżentant Għoli fir-rwol tiegħu bħala koordinatur tal-PAKK.

Il-Kunsill iddeplora l-iżviluppi politiċi li qed jiddeterjoraw f'**Hong Kong** u appella għal rispons koordinat kontinwu tal-UE f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Lulju 2020, kif ukoll il-ħtieġa li nikkoordinaw l-approċċ tagħna ma' sħab tal-istess fehma (l-Istati Uniti, ir-Renju Unit, l-Awstralja).

Dwar il-**Venezwela**, il-Kunsill tenna l-ħtieġa li jiġu appoġġati l-isforzi tal-oppożizzjoni demokratika. Ir-Rappreżentant Għoli appella għar-rispett sħiħ tad-Dikjarazzjoni tal-UE tas-6 ta' Jannar.

Il-Kunsill ħa nota tas-sitwazzjoni ta' sigurtà inkwetanti fir-reġjun usa' tal-Golf u tal-proposti mir-Russja, iċ-Ċina u l-Iran dwar kif jistgħu jiġu evitati eskalazzjonijiet ulterjuri, u appella għal rwol proattiv mill-UE.

Dwar is-sitwazzjoni tal-Qarn tal-Afrika, il-Kunsill esprima tħassib dwar l-iżviluppi fl-Etjopja, b'mod partikolari fir-reġjun ta' Tigray u fil-fruntiera mas-Sudan, u enfażizza l-ħtieġa li jkun hemm involviment mal-gvern Etjopjan għall-prevenzjoni ta' aktar destabilizzazzjoni, fl-Etjopja u b'mod aktar ġenerali fir-reġjun.

4. **Diplomazija dwar il-Klima u l-Enerġija - Il-promozzjoni tad-dimensjoni esterna tal-Patt Ekoloġiku Ewropew**

Skambju ta' fehmiet

Konklużjonijiet

5153/21

Approvazzjoni

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-ippjanar operazzjonali qabel il-COP26 u dwar l-impatt ġeopolitiku tat-tranżizzjoni enerġetika, u approva Konklużjonijiet dwar id-diplomazija dwar il-Klima u l-Enerġija- It-twettiq tad-dimensjoni esterna tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, kif jinsabu fid-dokument 5263/21.

Franza ppreżentat dikjarazzjoni, kif ukoll il-Polonja u l-Ungerija.

5. **Affarijiet oħra**

Ir-Rumanija infurmat dwar l-istabbiliment taċ-Ċentru ta' Reżiljenza Ewro-Atlantiku (E-ARC) f'Bucharest.

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin Portugiż informa dwar l-eżitu taż-żjara reċenti tiegħu fil-Mozambique fejn saret talba għal appoġġ f'waqtu mill-UE fil-qasam tal-iżvilupp, l-assistenza umanitarja u s-sigurtà, u appoġġ bl-aktar mod urġenti fl-għoti ta' taħriġ u tagħmir kontra t-terroriżmu.

L-Ungerija ġibdet l-attenzjoni għall-ksur kontinwu tad-drittijiet kontra l-komunità Ungeriża fi Trans-Carpathia u tenniet il-ħtieġa li tiġi diskussa l-protezzjoni tal-minoranzi nazzjonali tal-UE f'pajjiżi terzi.

Ir-Rappreżentant Għoli ħeġġeġ lill-Istati Membri biex jippreżentaw kandidati għar-RSUE għall-PPLN.

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" mhux leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 5391/21

Dwar il-punt "B"
nru. 4:

**Diplomazija dwar il-Klima u l-Enerġija - Il-promozzjoni tad-dimensjoni
esterna tal-Patt Ekoloġiku Ewropew**

Skambju ta' fehmiet

Konklużjonijiet

Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MINN FRANZA

"Franza ħadet nota tal-konferma mis-SEAE tal-interpretazzjoni li għandha tingħata lit-terminu "faħam mingħajr qbid", li jeskludi biss l-installazzjonijiet li bħalissa għandhom faċilitajiet għall-qbid u l-ħżin tal-karbonju. B'riżultat ta' dan, kważi l-produzzjoni kollha tal-faħam madwar id-dinja hija affettwata mis-sejħa biex l-istess produzzjoni tal-faħam tiġi eliminata gradwalment malajr kemm jista' jkun fis-settur tal-produzzjoni tal-enerġija.

Barra minn hekk, din l-espressjoni għandha tkun riżervata għal azzjoni internazzjonali meħuda mill-Unjoni Ewropea."

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA U L-UNGHERIJA

"Fir-rigward tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija dwar il-Klima u l-Enerġija – It-twettiq tad-dimensjoni esterna tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Polonja u l-Ungerija jinterpretaw il-formulazzjoni "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala referenza għall-"ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel", f'konformità mal-artikolu 2 u artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'din il-kjarifika, il-Polonja u l-Ungerija jaċċettaw il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija dwar il-Klima u l-Enerġija – It-twettiq tad-dimensjoni esterna tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, li għandhom jiġu adottati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fil-25 ta' Jannar 2021."

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 5218/21

Dwar il-punt "A" nru 16:

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Mauritania
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Permezz tas-sentenza tagħha fil-kawża magħquda C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs. il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat biċ-ċar li d-deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-konklużjoni tal-ftehimiet esterni dwar is-sajd jidħlu għalkollox fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(2) TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)(a)(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet) u rrifjutat il-pożizzjoni li t-tali deċiżjonijiet jistgħu b'xi mod jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(3) TFUE.

Fir-rigward tad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-oportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, li jiskadi fil-15 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni jiddispjaċiha għall-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi ġuridika sostantiva tal-Artikolu 43(2) TFUE bl-Artikolu 43 (mingħajr ma ssemmi l-paragrafu).

Filwaqt li ma topponix l-adozzjoni tal-emenda mill-Kunsill b'vot ta' maġġoranza kwalifikata, il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward."

Dwar il-punt "A" nru 17:

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Cook dwar estensjoni tal-Protokoll dwar is-Sajd
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Permezz tas-sentenza tagħha fil-kawża magħquda C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs. il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat biċ-ċar li d-deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-konklużjoni tal-ftehimiet esterni dwar is-sajd jidħlu għalkollox fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(2) TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)(a)(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet) u rrifjutat il-pożizzjoni li t-tali deċiżjonijiet jistgħu b'xi mod jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(3) TFUE.

Fir-rigward tad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook dwar l-estensjoni tal-Protokoll għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook, il-Kummissjoni jiddispjaċiha għall-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi ġuridika sostantiva tal-Artikolu 43(2) TFUE bl-Artikolu 43 (mingħajr ma ssemmi l-paragrafu).

Filwaqt li ma topponix l-adozzjoni tal-emenda mill-Kunsill b'vot ta' maġġoranza kwalifikata, il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward."

Dwar il-punt "A"
nru 18:

Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza negozjati mar-Renju Unit u n-Norveġja għal ftehim dwar is-sajd
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li din l-awtorizzazzjoni, fid-dawl tal-urġenza li jibdew in-negozjati għas-sena 2021 u t-tweqqif tal-obbligi skont l-UNCLOS, ma xxekkikx lill-Kummissjoni milli tibda n-negozjati abbażi tal-mandat trilaterali fil-mument li tqis xieraq fid-dawl tas-sitwazzjoni tan-negozjati mar-Renju Unit dwar is-sħubija ekonomika ġenerali u r-relazzjoni tas-sajd fil-ġejjieni mar-Renju Unit.

Il-Kummissjoni tqis li l-introduzzjoni tar-rekwiżit għal konsultazzjoni u rappurtar ittaqqal proċeduralment is-setgħat tan-negozjar tal-Kummissjoni u jirriskja li jħalli impatt negattiv fuq l-eżitu tan-negozjati. Rekwiżiti bħal dawn mhumiex parti mill-prattika proċedurali skont id-direttiva ta' negozjati għal ftehim dwar is-sajd ieħor ma' pajjiżi terzi fil-Grigal tal-Atlantiku.

Fid-dawl taż-żieda tal-Artikolu 43 TFUE flimkien mal-Artikolu 218 (3 u 4) TFUE bħala bażi ġuridika, il-Kummissjoni tqis li huwa legalment żbaljat li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-bidu ta' negozjati tindika bażi ġuridika sostantiva.

Id-Deċiżjoni li tawtorizza l-bidu ta' negozjati hija bbażata biss fuq l-eżistenza ta' setgħat konferiti tal-Unjoni u mhux fuq id-determinazzjoni ta' kompetenza speċifika. L-effett tagħha huwa limitat għall-awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni jew lir-Rappreżentant Għoli, skont il-każ, biex jużaw il-prerogattivi tagħhom skont it-Trattati tal-UE sabiex jibdew in-negozjati. Għaldaqstant, l-ambitu ta' dawn in-negozjati huwa ddeterminat mill-ambitu tas-setgħat tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-libertà tas-sieħeb previst fit-trattat tal-Unjoni fir-rigward tad-determinazzjoni tal-ambitu tan-negozjati ma tistax tiġi limitata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-bidu tan-negozjati. Għalhekk, il-bażi ġuridika preċiża għall-ftehim futur tista' tiġi determinata biss wara li l-kontenut tal-ftehim ikun magħruf.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward."